MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 1781/2005

**Schranz Ltd**

**Vs**

**Medairco Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Ottubru, 2005 fejn gie mitlub illi s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1,500 rapprezentanti bilanc ta’ flejjes dovuti ghal *Health and Safety Consultancy Services* moghtija minn Joseph Camilleri u li l-ispejjez taghhom kellhom jinqasmu f’sehem ugwali bejn il-partijiet. Bl-ispejjez, inkluzi ta’ l-ittri legali datati 23 ta’ Mejju 2005 u 8 ta’ Gunju 2005, u bl-imghax legali mid-data ta’ kull darba li ntalab hlas lis-socjeta` konvenuta, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-31 ta’ Ottubru, 2005 tas-socjeta` konvenuta, fejn gie eccepit illi (1) Preliminarjament in-nullita` tal-avviz attrici stante li ma giex osservat l-Artikolu 174 (2) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, (2) illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit is-socjeta` eccipjenti mhiex il-legittimu kuntradittur, l-eccipjenti m’ghandha ebda relazzjoni guridika in konnessjoni mat-talba attrici, (3) illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjenti qatt ma talbu u/jew inkarigaw lil Joseph Camilleri jew haddiehor biex jipprovdi servizz ta’ *Health and Safety Consultancy Services*. Illi kieku hekk kien il-kaz it-talba ghal hlas kellha semmai issir minn min ippresta s-servizz u mhux mis-socjeta` attrici, (4) illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit is-socjeta` attrici trid tipprova l-kreditu minnha pretiz, (5) illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet ta’ qabel ma jigux akkolti l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal ratione valoris stante li fuq skorta ta’ sentenzi biex it-Tribunal jasal ghad-decizjoni jekk l-ammont mitlub huwiex dovut jew le jrid jissindaka kuntratt il-meritu ta’ liema jesorbita l-kompetenza tieghu, (6) illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
Bl-ispejjes.

Ra l-**kontro-talba** ppresentata mis-socjeta` konvenuta fejn wara illi ppremettiet illi kienet qed tipprevalixxi ruha mid-dritt taghha li tressaq kontro-talba, talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallasha is-somma ta’ hames mija u disghin Liri Maltin (Lm590) rappresentanti in kwantu ghal Lm340 merkanzija mibjugha u kkonsenjata u servizzi rezi lis-socjeta` attrici u in kwantu ghal Lm250 ammont mhallas lis-socjeta` attrici meta dan ma kienx dovut.

Ra r-**risposta tas-socjeta` attrici ghal-kontro-talba** li permezz taghha s-socjeta` attrici ecceppiet illi l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-verbali kollha maghmula, l-atti kollha tal-kaz u sema` d-difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2007, id-difensur tas-socjeta` attrici iddikjara illi d-difensur tas-socjeta` konvenuta kien infurmah illi s-socjeta` konvenuta kellha taffettwa l-hlas fil-granet li gejjin.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2008 xehed Silvio Mercieca in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u qal illi fil-mori tal-kawza kien sar ftehim fejn mis-somma mitluba mis-socjeta` attrici kellha titnaqqas is-somma mitluba fil-kontro-talba u jsir il-hlas tal-bilanc, ossia fis-somma ta' Lm1160. Jghid illi fil-mori rcieva s-somma ta' Lm910 u ghalhekk kien fadal bilanc ta' Lm250.

Illi t-Tribunal hawnhekk jinnota illi x-xhud Mercieca ghamel matematika zbaljata in kwantu illi jekk minn Lm1500 tnaqqas Lm590, dan ittik bilanc ta' Lm910.00 u mhux ta' Lm1160.

Illi fl-istess seduta xehed ukoll Dr Frank Cassar, li kkonferma illi kien rcieva cekk fl-ammont ta' Lm910 fil-mori tal-kawza u flimkien mad-difensur tas-socjeta` konvenuta kienu erronjament ikkunsidraw il-hlas de quo bhala ghas-saldu,meta in effetti kien fadal bilanc ta' Lm250. Jispjega illi kien ghalhekk illi hareg ricevuta in *full and final settlement*, meta in effetti kien fadal bilanc dovut lis-socjeta` attrici ta' Lm250. Jghid illi dak l-ammont jirrappresenta il-bilanc rimanenti fuq is-somma maqbula bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza, ossia illi s-socjeta` attrici tithallas dak minnha mitlub neqsin l-ammont riklamat fil-kontro-talba.

Illi fis-seduta tad-9 ta' April 2008 xehed Anthony Migneco, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta li ighid illi l-hlas ta' Lm910 ghamlu in full and final settlement '*u dan gie*

*iffirmat mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma fadalli naghti xejn*'.

Illi a skans ta' hela ta` hin – u t-Tribunal ihoss illi din il-kawza gja twalet hafna inutilment – it-Tribunal mhux ser jidhol fil-mertu tal-kaz per se u kien ghalhekk illi rrefera biss ghall-ahhar zewg seduti u l-provi hemmhekk mressqa, sabiex b'ekwita` jaqta u jiddeciedi fuq dak li fadal minn din il-pendenza.

Jidher pacifiku u mhux kontestat illi l-partijiet fil-mori ta' din il-kawza wasslu fi ftehim illi s-socjeta` attrici tnaqqas dak mitlub fil-kontro-talba, tithallas il-bilanc, allura ta' Lm910, u l-pendenza bejn il-partijiet tigi rizolta hekk.

B'dana kollu il-pendenza ma gietx rizolta ghas-semplici raguni illi bil-hlas ta' Lm910, s-socjeta` attrici tghid illi mhux sodisfatti l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici, in kwantu illi skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kien fadal bilanc ta' Lm250 peress illi "*qabel ma bdiet il-kawza kien thallas Lm250 u ahna hsibna illi kien thallas fil-mori tal-kawza*"[1].

It-Tribunal jinnota pero` illi l-ftehim kif spjegat minn rapprezentant tas-socjeta` attrici stess – Silvio Mercieca – kien jistipula illi "*mis-somma mitluba mis-socjeta` attrici titnaqqas is-somma mitluba fil-kontro-talba u jsir il-hlas ta' dak il-bilanc*".

Dan l-arrangament mkien ma jidher illi huwa kontradett – anzi huwa kkonfermat mir-rappresentant tas-socjeta` konvenuta.

Di piu`, jekk kien sar xi hlas qabel il-presentata ta' din il-kawza, allura mhux kompitu ta' dan it-Tribunal li jevalwha – li minn naha l-ohra irid jistrieh fuq il-parametri tat-talba principali u l-kontro-talba u jiddeciedi dwarhom.

Fejn zbalja Silvio Mercieca huwa evidentament fil-konteggi, peress illi l-bilanc dovut jekk taghmel it-tnaqqis

[1] Dr Cassar – 15.02.2008

miftiehem huwa ta’ Lm910 (kemm fil-fatt gie mhallas) u mhux ta’ Lm1160 kemm fil-fatt ighid hu. Id-differenza ta’ Lm250 mbaghad hija spjegata minn Dr Cassar in kwantu tirrappresenta ammont mhallas “*qabel ma nbiet din il-kawza*”.

Illi mill-assjem tal-provi u r-rizultanzi tal-fatti f’din il-kawza pero` it-Tribunal jinsab rinfaccjat b’sitwazzjoni fejn sar ftehim illi mill-ammont riklamat mis-socjeta` attrici jitnaqqas dak mitlub fil-kofront taghha bil-kontro-talba, b’dan illi d-differenza, allura Lm910 jithallas mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici. U dan jidher illi sar.

Dwar pagament li setghu saru qabel il-ftuh ta’ din il-kawza, it-Tribunal ihoss illi ma ghandux jidhol fih. Anke jekk jinghad illi huwa aktar minn evidenti illi sar zball genwin mis-socjeta` attrici mal-hlas ta’ Lm910 maghmul mis-socjeta` konvenuta, u kellha ma taccettax il-hlas ghas-saldu.

Ghaldaqstant, in kwantu illi jirrizulta illi l-hlas kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kawza sar fil-mori tal-kawza u bbazat fuq ftehim milhuq bejn il-partijiet, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi, in vista tal-pagament maghmul fil-mori tal-kawza fl-ammont ta’ Lm910 ai termini tal-ftehim mihuq,  filwaqt illi jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar it-talba principali u l-kontro-talba, jordna illi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jinqassmu in kwantu ghal kwart (1/4) ghas-socjeta` attrici u tlett kwarti (3/4) ghas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------